**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Gunju 2016**

**Kawza Nru. 15**
**Rik. Nru.1205/15 JZM**

**David Aquilina (ID 757150M)**

***kontra***

**Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors prezentat fil-<u>21 ta` Dicembru 2015</u> li jaqra hekk :–

*Illi l-esponent huwa azzjonista, l-uniku Direttur u Company Secretary kif ukoll rapprezentant legali u gudizzjarju tas-socjeta` Indamar Limited, (C-2256) registrata fl-indirizz Dacxville, 95, Triq San Gorg, San Giljan.*

*Illi ricentement, l-istess rikorrent ghamel ghaxar xhur nieqes minn Malta, senjatament mit-23 ta` Dicembru 2014 sat-28 ta` Ottubru 2015 (Dok $DA_1$).*

*Illi waqt l-assenza tieghu, l-intimat Registratur tal-Kumpanniji baghat ittra datata 18 ta` Mejju 2015 (Dok DA2), li permezz taghha David Aquilina gie mgharraf illi s-socjeta` Indamar Limited kienet ser tigi xjolta u l-isem tal-istess, imhassar minn fuq ir-registru tal-kumpanniji, ai termini tal-Artikolu 325(2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Illi l-esponent David Aquilina gie a konjizzjoni ta` din l-ittra mar-ritorn tieghu Malta. Kien biss meta ghamel il-verifiki tieghu mar-Registratur tal-Kumpanniji illi kkonferma illi isem is-socjeta` Indamar Limited kien fil-fatt gie mhassar minn fuq ir-registru tal-kumpanniji.*

*Illi ghalhekk, u minhabba l-assenza tieghu, kien impossibbli ghar-rikorrent illi jirrispondi ghall-ittra tat-18 ta` Mejju 2015.*

*Illi mhuwiex qed jigi kkontestat ir-raguni ghalfejn l-intimat istitwixxa dawn il-proceduri, izda qieghed jinghad illi minhabba l-assenza tieghu, David Aquilina ma setax jirrispondi entro t-tlett xhur stipulati fil-paragrafu (2) tal-Artikolu 325 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, jew b`xi mod iehor seta jirregola l-pozizzjoni tieghu. Per konsegwenza ta` tali nuqqas ta` twegiba da parti tar-rikorrent, ir-Registratur tal-kumpanniji ghadda biex hassar isem Indamar Limited minn fuq ir-registru; bil-konsegwenzi kollha illi tali procedura ggib maghha.*

*Illi s-socjeta` Indamar Limited, permezz ta` kuntratt datat l-24 ta` Novembru 1970, u ppubblikat fl-atti tan-Nutar George Cassar, akkwistat fond appartament gewwa Guardamangia, kif jirrizulta mill-anness Dok DA3.*

*Illi jekk is-socjeta` Indamar Limited ma tergax titqieghed fuq ir-registru tal-kumpanniji r-rikorrent sejjer isofri danni rreparabbli, billi tali proprjeta` tiddevolvi f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*Illi l-esponent hass ruhu aggravat b`tali thassir u ghandu kull interess illi s-socjeta` Indamar Limited terga titpogga fuq ir-registru tal-kumpanniji.*

*Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni jew provedimenti opportuni;*

1. *Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ai termini tal-Artikolu*

*325(4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta (i) jerga` jdahhal l-isem tas-socjeta` Indamar Limited (C-2256) fir-registru tal-kumpanniji sabiex b`hekk l-istess socjeta` titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma giex mhassar, kif ukoll li (ii) jaghmel dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-Ligi relativi ghal tali inserzjoni fir-registru tal-kumpanniji, u danakollu taht dawk il-provedimenti illi dina l-Qorti jidhrilha xierqa.*

*Bl-ispejjez*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta li pprezenta r-Registratur tal-Kumpanniji fit-18 ta` Jannar 2016 li taqra hekk :–

*Illi in kwantu ghall-meriti fattwali peress illi l-esponent mhuwiex edott mill-fatti kollha kif dikjarati mir-rikorrent huwa jirrimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju tal-Qorti.*

*Illi l-kumpannija Indamar Limited (C-2256) giet registrata fil-11 ta` Awwissu 1970 u sussegwentement prezentat ghar-registrazzjoni d-dokumenti tal-compliance sabiex tigi regolata taht l-Att dwar il-Kumpanniji 1995.*

*Illi madanakollu l-kumpannija in kwistjoni naqset ghal diversi snin milli tosserva l-obbligi u dmirijiet legali taghha taht l-istess Att. Tant hu hekk illi fil-fatt l-ahhar prospett annwali li ntbaghat mill-kumpannija u mill-ufficjal taghha igib id-data tal-2009 u l-ahhar kontijiet annwali prezentati ghar-registrazzjoni kienu tas-sena 2008.*

*Illi tali inadempjenzi serji u kontinwi wasslu lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex imexxi ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji vis-à-vis il-kumpannija in kwistjoni. Dan sabiex jikkonferma jekk is-socjeta` in kwistjoni kinitx qeghda topera jew tmexxi negozju u jekk l-ufficjal taghha kellux xi tip ta` interess illi l-isem tas-socjeta` jibqa fuq ir-Registru.*

*Illi ghaldaqstant ir-Registratur baghat il-korrispondenza u hareg l-avvizi kif inhu marbut illi jaghmel skont l-artikolu suespost izda minkejja dan huwa qatt ma gie nformat bl-interess tar-rikorrent illi l-isem tal-kumpannija jibqa fuq ir-Registru.*

*Illi, nonostante tali nuqqas peress, illi ghad hemm proprjeta` li ghadha registrata f`isem il-kumpannija l-esponent qed jadotta linja fejn ma jikkontestax it-talba kif mressqa mir-rikorrent illi l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-Registru jekk dina l-Onorabbli Qorti jidrilha li huwa xieraq u opportun illi ssir dan fic-cirkostanzi partikolari ta` dan il-kaz.*

*Illi r-Registratur jixtieq umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti illi jekk jidhrilha illi l-isem tal-kumpannija ghandu jerga` jitpogga fuq ir-Registru tal-Kumpanniji fis-sentenza ghandhom jigu ndikati l-iskop u l-kondizzjonijiet mehtiega skont ic-cirkostanzi tal-kaz odjern. Dan sabiex ir-rikorrent ikun jista` jirregolarizza il-pozizzjoni tieghu u tal-kumpannija tieghu fejn ghandu x`jaqsam l-Att dwar il-Kumpanniji inkluz li jintbaghtu ghar-registrazzjoni l-kontijiet annwali l-prospetti annwali kollha u li jithallsu l-penalitajiet kollha li huma dovuti lir-Registratur tas-Socjetajiet skont il-ligi.*

*Illi r-Registratur tal-Kumpanniji m`ghandux jinzamm responsabbli ghall-ebda spejjez gudizzjarji konnessi ma` dan il-kaz.*

Rat il-verbali tal-udjenzi tal-1 ta` Frar 2016, tal-14 ta` April 2016 u tal-14 ta` Gunju 2015.

Rat in partikolari illi fl-udjenza tal-14 ta` Gunju 2016 inghad hekk *inter alia* –

*Dr Fenech* [difensur tal-intimat] *infurmat lill-Qorti illi fil-mori tad-differiment, ir-rikorrent ottempera ruhu bis-shih mal-pendenzi kollha li s-socjeta` mhassra kellha mar-Registratur tal-Kumpanniji, u ghalhekk l-intimat ma jsib ebda oggezzjoni li l-isem tal-kumpannija Indamar Limited terga` tidhol fir-Registru.*

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghal provvediment ghal-lum.

## II. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Ir-rikorrent mexxa bil-procedura tal-lum abbazi ta` l-Art 325(4) tal-Kap 386. Jirrizulta li r-rikorrent huwa l-azzjonista tal-kumpannija Indamar Limited (C2256) u allura huwa *membru* taghha. Ghalhekk ghandu *locus standi* biex jipprocedi bl-istanza tal-lum.

Dan premess, u wara li qieset ir-ragunijiet li gab ir-rikorrent fir-rikors promotur, din il-Qorti tghid illi, fl-ghoti tal-provvediment tal-lum, hija sejra tqis illi sa mill-ewwel appuntament tal-kawza, u cioe` dak ta` l-udjenza tal-1 ta` Frar 2016, ir-rikorrent, permezz tad-difensur tieghu, wera disponibilita` **shiha** li jirregola ruhu. Fil-fatt, minkejja l-inadempjenzi tieghu u tas-socjeta` de qua, liema nuqqasijiet wasslu unikament sabiex jithassar l-isem tas-socjeta` mir-Registru tal-Kumpanniji, ir-rikorrent iffinalizza l-pendenzi **kollha** mar-Registratur tal-Kumpanniji **qabel** l-udjenza tal-14 ta` Gunju 2015. Ippruvata b`mod tangibbli d-disponibilita` tar-rikorrent *to make a fresh start* ir-Registratur tal-Kumpanniji ma kienx kontra li l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jitqiegħed fuq ir-Registru.

Din il-Qorti trid tghid illi l-Art 325 tal-Kap 386 jirregola l-imgieba tar-Registratur tal-Kumpanniji anke f`dawk is-sitwazzjonijiet fejn kollox ikun jindika li kumpannija waqfet ghal kollox min-negozju taghha. Minn dak li rrizulta fil-kawza tal-lum, din il-Qorti ma ssib propju xejn x`ticcensura fil-mod kif gab ruhu l-intimat – anke ghaliex dak li rrileva l-intimat fir-risposta tieghu ma kienx kontradett mir-rikorrent.

Huwa evidenti illi dak li wassal ghat-thassir tal-isem tal-kumpannija mir-Registru kien dovut ghan-nuqqas tar-rikorrent, fid-diversi mansjonijiet li kellu fl-ambitu tal-socjeta` de qua.

Ghandu jinghad illi s-subinciz (4) tal-Art 325 tal-Kap 386 huwa dak rilevanti biex jirregola s-sitwazzjoni li tipprezenta ruhha fil-kawza tal-lum.

Is-subinciz (4) jaqra hekk –

*Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta` dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni ta` l-avviz tat-thassir … tista`, jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta` kopja ufficjali ta` l-ordni mir- Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar, u l-Qorti tista` bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista` jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih jghaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha*

*tkun ghal kollox jew principalment f`Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

Fil-kaz tal-lum, mhuwiex kontestat illi r-rikorrent ha azzjoni fit-terminu stabbilit mil-ligi.

**Din il-Qorti qieset il-fatti u c-cirkostanzi ta` l-kaz, partikolarment dak illi xpruna lir-rikorrent sabiex jiehu azzjoni, u tghid illi kollox meqjus, hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.**

Tinsab hekk sodisfatta anke ghaliex, kif kien rilevat fl-udjenza tal-14 ta` Gunju 2016, illum il-posizzjoni giet regolarizzata ; u kull dritt jew penali dovuti lill-intimat kien saldat bis-shih, tant illi l-intimat mhuwiex kontra li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.

**Fl-istess waqt il-Qorti trid taghmilha mill-aktar car lir-rikorrent li bil-fatt illi sejra tordna li l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji b`ebda mod ma ghandu jfisser li bhal donnu l-Qorti tat xi *carte blanche* lill-azzjonisti tal-istess socjeta` sabiex dak kollu li ma sarx tajjeb u skont il-ligi qabel sar it-thassir tal-isem, issa jista` jirrepeti ruhu.**

**Propju xejn minn dan.**

**Ladarba l-kumpannija hija xjolta, *there is no turning back.***

**Il-Qorti trid taccerta ruhha li bil-fatt illi l-isem jerga` jidhol fir-Registru, il-kumpannija de qua tidhol lura fil-binarji tal-legalita` minghajr ma jkun hemm ghalfejn li r-Registratur tal-Kumpanniji jkollu jagixxi minhabba l-inadempjenzi ta` kull minn huwa responsabbli fis-socjeta` de qua.**

__**Provvediment**__

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrent kif gej –**

**1) Tordna li l-isem Indamar Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C2256 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex sa zmien sebat ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Indamar Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C2256 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**3) Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, sa zmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun ikkonsenjata lilu mir-Registratur tal-Qrati kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Indamar Limited, li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C2256, jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji, jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija Indamar Limited (C2256) rega` dahal fir-registru.**

**4) Tordna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment, u kwalsiasi spejjez ohra li jkunu talvolta mehtiega sabiex l-isem tal-kumpannija Indamar Limited (C2256) jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**